



22.1.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 0615/2009, imressqa minn Justine Olivero, ta' nazzjonalità Britannika, b'237 firma, dwar iż-żieda tal-inċidenza tal-kanser f'Campo de Gibraltar u l-Blata ta' Ġibiltà**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanti qed jipprovaw jiġbdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet għaż-żieda fl-inċidenza ta' kanser li qed taffettwa l-Blata ta' Ġibiltà u Campo de Gibraltar, filwaqt li jsostnu li huma relatati mill-qrib mar-raffinerija u l-impjant industrijali fiż-żona. Peress li dan qed jiġi kkawżat minn tniġġis transkonfinali, huma qed jipprovaw iressqu l-kwistjoni għall-attenzjoni tal-awtoritajiet Ewropej.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-15 ta' Settembru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-22 ta' Jannar 2010.

Skont il-petizzjonanti, hemm "is-suspett" li l-inċidenza tal-kanser skoperta fuq il-Blata ta' Ġibiltà u f'Campo de Gibraltar "hija marbuta mar-raffinerija jew ma' industrija tqila oħra fiż-żona". Madankollu, skont din l-informazzjoni, mhuwiex kompletament possibbli għall-Kummissjoni li tidentifika l-installazzjoni(jiet) konċernata/i.

Fl-2007, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet petizzjoni dwar l-operat tar-raffinerija taż-żejt CEPSA f'San Roque, fi Spanja. Dik il-petizzjoni indikat li dan l-aħħar kien hemm żieda fl-inċidenti ta' tniġġis serju mir-raffinerija taż-żejt li kienet wasslet għal protesti pubbliċi u għal sejħa għal studju epidemjoloġiku indipendenti u rigoruż sabiex jiġu studjati l-fatturi ta' riskju li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini lokali.

Din il-petizzjoni tirreferi għal studju li seħħ minn università fi Spanja u tistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jissuġġerixxu l-aktar mod effikaċi ta' kif tista' sseħħ riċerka rilevanti fiż-żona.

Ladarba din il-petizzjoni tirrigwarda r-raffinerija taż-żejt CEPSA, il-Kummissjoni tinnota li din l-installazzjoni taqa' fi ħdan il-qasam ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/1/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis<sup>1</sup> (verżjoni kodifikata tad-Direttiva 96/61/KE, minn issa 'l quddiem: Direttiva IPPC).

Kif indikat mill-Kummissjoni fir-risposta tagħha għall-petizzjoni msemmija hawn fuq tal-2007, id-Direttiva IPPC (li l-għan tagħha hija li tikseb b'mod integrat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali) tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti joħroġu permess għal kull installazzjoni. Il-permessi għandhom jinkludu valuri tal-limiti tal-emissjonijiet, jew parametri ekwivalenti u miżuri tekniċi, ibbażati fuq l-aħjar teknika disponibbli, u jistgħu jikkunsidraw il-karatteristiċi tekniċi tal-installazzjoni kkonċernata, il-pożizzjoni ġeografika tagħha u l-kundizzjonijiet ambjentali lokali. L-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa wkoll jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-permess jiġu rispettati mill-operatur meta jkun qed jopera l-installazzjoni.

Id-Direttiva IPPC tapplika għall-installazzjonijiet il-ġodda u għall-installazzjonijiet eżistenti fejn l-operatur biħsiebu jagħmel "bidliet sostanzjali" (tibdiliet li jista' jkollhom effetti negattivi sinifikanti fuq il-bniedem u fuq l-ambjent) minn Ottubru tal-1999. L-Istati Membri ġew provduti b'perjodu tranżizzjonali li skada fit-30 ta' Ottubru 2007, biex jiżguraw li installazzjonijiet eżistenti oħra jinġabu f'konformità sħiħa mad-Direttiva.

L-installazzjoni speċifika mmirata mill-petizzjonanti kienet topera qabel Ottubru 1999 u, għalhekk, kellha tibda topera f'konformità sħiħa mad-Direttiva IPPC sat-30 ta' Ottubru 2007.

Barra minn hekk, għandna ninnotaw li l-Artikolu 18 tad-Direttiva IPPC jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi implimentata f'każ ta' installazzjoni li x'aktarx li jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent ta' Stat Membru ieħor.

Wara r-risposta tagħha msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni kienet baġtet ittra lill-awtoritajiet Spanjoli, fejn talbet informazzjoni dwar kif l-operat tal-installazzjoni kien konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva IPPC. Fir-risposta tagħhom, l-awtoritajiet Spanjoli ddikjaraw li verifika indipendenti ġiet ikkummissjonata minn La Junta de Andalucía dwar l-istandards tal-emissjonijiet fir-raffinerija. L-aħħar rapport ta' verifika sal-lum għadu ma ntbagħatx lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ser tikteb lill-awtoritajiet Spanjoli biex titlob l-aħħar rapport ta' verifika sabiex ikun jista' jiġi evalwat bħala parti mill-miżuri li ttieħdu biex jiġi żgurat li l-installazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva IPPC u biex ir-rapport ta' verifika jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/4/KE dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> ĠU L 24, 29.01.2008, p. 8

<sup>2</sup> ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26-32

F'każ li jkun hemm effetti transkonfinali mill-installazzjoni kkonċernata, il-Kummissjoni se titlob ukoll li tiġi informata dwar il-metodu li bih saret il-konsultazzjoni mal-Istati Membri affettwati, skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva IPPC.